9 ta' Mejju 2014

Is-Sur Pierre Cassar
Kap Eżekuttiv
Awtorità tax-Xandir
7, Triq Mile End,
Il-Ħamrun

Sur Cassar,

Qiegħed formalment inressaq ilment dwar servizz li xxandar fil-bullettin tal-aħbarijiet ta' TVM nhar it-Tnejn, 5 ta' Mejju, dwar rapport li ppubblikat il-Kummissjoni Ewropea dwar il-qagħda ekonomika ta' pajjiżna.

Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni Ewropea għamlitha ċara li t-tbassir tagħha dwar il-qagħda ekonomika ta' pajjiżna għas-sena li ġejja hija bbażata fuq numru ta' suppożizzjonijiet, inkluż li l-bini tal-*power station* il-ġdida titlesta fil-ħin u li ma jkunx hemm xi dewmien fil-kostruzzjoni tagħha. Dan il-fattur ħareġ ċar fir-rappurtaġġ fil-ġurnali lokali, bħal pereżempju fir-rappurtaġġ f'*The Times Online*, li stqarr:

> **RISKS FROM POWER STATION DELAY**
>
> *The commission said risks to this macroeconomic scenario were mainly related to investment outlook. It said a number of additional investment projects were under discussion and their realisation could provide a further boost to economic growth.*
>
> *"At the same time, delays in the planned construction of the new power plant poses a downside risk to their growth projections."*

Il-PBS għażel li ma jsemmix dan il-fattur importanti fir-rappurtaġġ tiegħu dwar ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea. Dan hu eżempju konkret tat-tip ta' *gatekeeping* li jiddelitta bih il-PBS.

Minbarra dan, fl-istess bullettin tal-aħbarijiet, il-PBS għażel li jirrapporta r-reazzjoni tal-Gvern għal dan ir-rapport billi kkwota dak li qal il-Prim Ministru dwaru, iżda injora għalkollox stqarrija maħruġa mill-Oppożizzjoni dwar dan ir-rapport. M'għandix dubju li naqblu li dan is-suġġett hu wieħed li dwaru kien u għad hawn kontroversja politika. Għalhekk, id-deċiżjoni tal-PBS li jagħti l-veduti tal-Gvern filwaqt li jiċċensura lill-Oppożizzjoni ħolqot żbilanċ kontra l-Partit Nazzjonalista.

Peress li ninsabu f'kampanja elettorali, nitolbok tappunta dan l-ilment għas-smigħ mill-aktar fis possibbli.

Inselli għalik,

David Herrera
Direttur Informazzjoni

**Partit Nazzjonalista**
Triq Herbert Ganado, Pietà PTA 1450, Malta • Tel: +356 2124 3641 • Fax: +356 2124 3640 • Email: pn@pn.org.mt
Member of the European People's Party • Member of the Christian Democrat International • Member of the International Democrat Union
www.pn.org.mt